**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Maġ. Jur. (Int. Law)**

Seduta: Distrett Mosta

**Illum,** 11 ta' Gunju, 2020

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paula Ciantar)**
**-vs-**
**Jesmond Vella, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 489582M**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Jesmond Vella u ċioe' talli:

F'dawn il-Gżejjer u ċioe' nhar l-1 ta' Mejju, 2019, għall-ħabta tas-18:00hrs kif ukoll fil-ħin u ġranet ta' qabel:

1. Għamel użu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika.

2. Ġab ruħu b'mod li taha fastidju lil Jessica Tabone meta kien jaf jew messu kien jaf li dan aġir kien ta' fastidju għall-imsemmija persuna.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

Fix-xhieda taghha l-parte civile tghid li l-imputat kien *"il-hin kollu jcempel"* u anke kien uza kliem ta theddid fil-konfront taghha fis-sens ta' *"inpattijilkhom...nghaddi minn fuqek"*. Madanakollu tiddikjara li wara li ghamlet rapport l-ghassa, kienet iddecidiet li tirrinunzja ghall-azzjoni legali fil-konfront tieghu, *"waqqajtlu l-kaz.....Waqqajt ir-rapport u sa ftit gimghat ilu l-istess baghtli l-messaggi. Pero jien qed ninjorahom ha nghid il-verita`"*.

Dan ifisser li rigward dak id-diskors kienu ttiehdu proceduri diga u ghalkemm ma ngiebet ebda prova dwar l-ezitu ta' dawk il-proceduri, jidher li jista' japplika l-principju ta' *ne bis in idem*. Lanqas ma tindika data li fih inghad il-kliem ta' theddid jew li dwaru w minhabba fih ghamlet rapport iehor mal-pulizija.

Il-Qorti fliet il-messaggi mibghuta mhux biss mill-imputat izda wkoll mill-parte civile.

Jirrizulta volum kbir u kostanti ta' messaggi li gew skambjati bejn il-partijiet. Hu minnu xi okkazzjonalment Jessica tghid lill-imputat sabiex ma jibqax iddejaqha w ihalliha bi kwieta, izda sussegwentement hi l-istess Jessica li jew tibda konversazzjoni mieghu jew tkompli twiegeb il-messaggi tieghu. Fost il-konversazzjonijiet taghhom hemm bosta li huma amikevoli u civili ghall-ahhar. Hemm konversazzjoni fejn Jessica titlob lil Jesmond jghina iggib *slimming machine*[1] u jifthemu kif ser jaghmlu. Ghalkemm hu minnu li l-*bulk* tal-messaggi huma karba tal-imputat sabiex isewwi r-relazzjoni ta' bejniethom, ma jirrizultax li Jessica kienet qed turieh b'mod cjar u inekwivoku li hi ma rieditx izjed kuntatt mieghu jew li l-imgieba tieghu kien qed ikun ta' fastidju ghaliha, anzi!

Kollox fil-fatt juri li dak li dejjaqha ma kienx is-semplici fatt li dan kien qieghed f'kuntatt kontinwu maghha, izda <u>il-kontenut</u> tal-messaggi, fejn minkejja li wrietu bic-cjar li ma rieditx tkompli bir-relazzjoni taghhom, dan baqa' jippersisti maghha sabiex <u>ittieh cans iehor</u>.

Imma mhux ovvju li xi hadd rinfaccjat b'sitwazzjoni simili ma kienx ser jaghmel minn kollox biex ma jitlifx dak li nbena bejniethom? Il-messaggi ta' Vella fil-maggioranza kbira taghhom huma talbiet sabiex hi taccetah lura. Dak li jsegwi m'hi xejn ghajr konversazzjonijiet bejn tnejn minn nies li hajjithom daret il-kantuniera; fejn wiehed minnhom ma jridx jacceta dak il-fatt.

Izda jkun ingust li b'dan, u fl-isfond ta' konversazzjonijiet civilissimi u sereni ohra fejn jigu diskussi zwiemel u qtates, fid-daqqa u l-hin, jinghad li l-insistenza

[1] 25.04.19 fil-11:21am

tal-imputat ma Jessica li jghidilha li baqa' jhobbha, ghandha titqies bhala ta' fastidju, *harassment*! Mhux sew li ghaliex iddejjaqt nisma l-istess diska nikkwalifika l-ghemil ta' bnidem bhala fastidju, komportament punnibbli anke b'habs. Jidher bic-cjar li sakemm Jesmond ma kienx qed ikompli jinsisti maghha biex jirritornaw flimkien, Jessica ma kienitx qed issib xi tlum fil-fatt li baqghu f'kuntatt.

Ezempji huma dawn is-siltiet mill-konversazzjoni ta' bejnithom:

*"JV:F'xi hin nista' ncempillek*
*JT:Jekk mhux ser taqla paroli xhin trid*[2]
*JV:Inqajjmek filghodu?*
*JT:Ghamel int…*
*JV:OK issa ncempillek ghall-07:45 tajjeb*
*JT:OK.*[3]*"*

Meta jistqasiha jekk bid-diskors tieghu kienx offendiha twiegeb *"Le lanqas xejn"*[4] u f'okkazzjoni ohra ***"Hadd ma qallek li dejjaqtni"***[5]**.**

Minn analizi tal-konversazzjoni ma jirrizulta minn imkien li kien sar xi kliem ta' theddid mill-imputat. Dan ta' sikwiet issemmilha li hi kellha wicc haddiehor izda ma jirrizultax kliem ta' theddid jew indirizzaha b'mod li bieh setghet ragonevolment tigi offiza.

Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni ma gietx soddisfacentment ippruvata.

Rigward it-tieni imputazzjoni jigi rilevat ukoll li sabiex ghemil jista jitqies li jammonta ghall-fastidju, l-awtur irid ikollu x-xjenza li bl-agir tieghu qed ikun ta' fastidju ghal haddiehor.

> **251A.** (1) Persuna li:
> (*a*) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew
> (*b*) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna;
> …….
>
> (2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż <u>imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju</u> ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

[2] 18.04.19 fid-9:21 am
[3] 25.04.19 fil-23:29-23:34
[4] 24.04.19 fit-8:52 pm
[5] 26:04.19

Fil-kaz in dezamina gja` gie muri li l-parte civile ma ddejqet xejn tippartecipa fil-konversazzjonijiet mal-imputat, dment li ma kienx ikompli jinsisti biex tiehdu lura.

Fil-fehma tal-Qorti wiehed ma jistax jispezza konversazzjoni w jara liema kliem iddejqu jew ma jdejjqux galadarba jaghzel li jingagga f'konversazzjoni. Jew l-kuntatt tal-awtur huma ta' fastidju dejjem jew mhumiex; dak l-ghemil ghandu jigi meqjus fl-intjier tieghu, mhemmx triq tan-nofs. Jidwu kliemha mlissna biss hamest ijiem mill-ahhar jum li fih hu allegat wettqet l-ahhar vjolazzjoni mill-imputat (1 ta' Mejju, 2019) ***"Hadd ma qallek li dejjaqtni"***[6]. Allura kif jista' jinstab hati Vella li bl-agir tieghu kien qed ikun ta' fastidju ghal Jessica Tabone?

Fid-dawl tal-provi akkwiziti lanqas din l-imputazzjoni ma tista' treggi.

Ghal dawn il-motivi, l-imputat qed jigi liberat minn kwalunkwe htija u piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[6] 26:04.19